**MALTA**

**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**DR. ANDREW SCIBERRAS**

**Seduta tal-25 ta' Novembru 2015**

**Rikors Numru 24/10**

**Bernard Cutajar**

**Vs**

**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**

It-Tribunal,

Ra r-rikors ipprezentat minn **Bernard Cutajar** datat 11 ta' Awissu 2010 fejn ippremetta s-segwenti:-

*"Illi permezz ta' avviz datat 22 ta' Lulju 2010, l-esponent gie avzat mill-Awtorita` ntimata 'lli minhabba allegata rregolarita msemmija fl-istess avviz, huwa kien qed jigi penalizzat 50 punt ekwivalenti ghal hlas ta' €550;*

*U peress illi l-esponent hass ruhu aggravat minn tali decizjoni huwa qieghed jinterponi umili appell minn tali decizjoni permezz tal-odjern rikors;*

*Illi l-aggravvju huwa fis-sens illi ma hux minnu fattwalment li meta saret il-VRT kien hemm xi tyre miekul u wisq anqas huwa minnu wkoll il-fatt li l-esponent jew impjegati tieghu taw struzzjonijiet lil sid il-vettura in kwistjoni biex jibdel it-tyre u dana kif jista jirrizulta minn*

*diskors li sar mill-istess sid fil-presenza ta' ufficjali tal-Awtorita` u kif ukoll tal-istess esponent;*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi dan it-Tribunal joghgbu ghar-ragunijiet premessi jordna r-revoka in tot tad-decizjoni mehuda mill-Awtorita fuq citata datata 22 ta' Lulju 2010."*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta** datata 6 ta' Settembru 2010 fejn gie eccepit is-segwenti:-

*"Illi t-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti u dana peress illi d-decizjoni in kwistjoni hija legali, gusta u ghandha tigi kkonfermata.*

*Illi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kaz, l-Awtorita` esponenti waqt l-investigazzjoni li saru, irrizultalha senjatament minn dikjarazzjoni maghmula mill-istess sid tal-vettura in kwistjoni, fejn ikkonferma li ma ghamel ebda tibdiliet fil-vettura u b'hekk ikkontradixxa lir-rikorrenti u b'hekk wassal l-Awtorita` esponenti tiehu d-decizjoni ossia passi kontra r-rikorrenti kif rikjest mill-ligi."*

Ra x-xhieda ta' Mark Cutajar,[1] sema' x-xhieda ta' Joseph Pace,[2] ta' George Farrugia,[3] ta' Clayton Zerafa,[4] u ta' Lino Abela,[5]

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ra li dan l-appell gie mholli ghal-lum ghas-sentenza;

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti ipproceda bir-rikors odjern stante li hassu aggravat bid-decizjoni tal-Awtorita` intimata li kienet tghid is-segwenti:-

---

[1] Traskritta minn fol. 21 sa fol. 23
[2] Traskritta minn fol. 49 sa fol. 53
[3] Traskritta minn fol. 55 sa fol. 57 u minn fol. 78 sa fol. 80
[4] Traskritta minn fol. 60 sa fol. 62 u minn fol. 81 sa fol. 84
[5] Traskritta minn fol. 64 sa fol. 71

*"Re: VRT test on vehicle bearing registration No GBC 861*

*Please be advised the on the 14th July the Transport Malta Technical Unit Officers have conducted a post VRT inspection on the above mentioned vehicle after your station has conducted a VRT test on the 3rd July 2010. The following irregularities related to the VRT test were noted.*

***Rear left worn out tyre.***

*Following the statement made by the vehicle owner Mr Joseph Pace ID 562961M during the vehicle inspection at the technical unit and the finding of the above mentioned defect, please be informed that according to Subsidary legislation 65.15 Schedule 12 regulation 21 you are therefore being penalized the total points of 50 (Fifty) that are equivalent to €550."*

Illi **Mark Cutajar** spjega illi huwa hu r-rikorrent u li flimkien ghandhom VRT Station, filwaqt li huwa licenzjat bhala VRT Tester fl-istess lok. Jghid li fiz-zmien in kwistjoni kienu gew infurmati permezz ta' telefonata mill-Awtorita` intimata illi kien hemm vettura li kellha *tyre* mhux tajjeb u li allura mhux suppost ghaddiet mill-VRT. Jistqarr li hu kien prezenti ghat-test meta l-vettura iddahhlet fil-garage taghhom u li t-*tyre*s kien rahom tajbin. It-*tyre* li l-Awtorita` intimata kienet qed tghid li ma kellux jghaddi mill-VRT huma kienu rawh fl-ufficini tal-Awtorita` u jghid li kien mar-*rim*. Jispjega kif l-ufficjali tal-Awtorita` intimata kienu qalulu li sid il-vettura kien qalilhom li meta mar ghall-VRT kienu qalulu li t-*tyre* ma kienx tajjeb pero` xorta kienu se jghadduh mit-test pero` kellu jmur ibiddlu. Madankollu hu jichad kategorikament li qal dan id-diskors. Jghid li pero`, quddiemu, is-sid tal-vettura kien cahad li hu kien qallu dak il-kliem meta mar ghat-test. Jghid li sid il-vettura la nnega u lanqas ikkonferma illi l-istess *tyre* kien fuq il-vettura meta hadha ghat-test. Jghid ukoll li hadd ma staqsa lis-sid jekk it-*tyre* in kwistjoni kienx wiehed mill-erba' roti li kien hemm fuq il-vettura fid-data tal-VRT jew inkella kienx l-*spare tyre*.

**Joseph Pace**, sid il-vettura in kwistjoni, jistqarr illi huwa kien ha l-istess vettura ghand Dino's Garage biex jaghmlilha l-VRT u l-vettura ghaddiet. Jghid li xi gimgha wara kien issejjah gewwa l-Furjana biex tigi ccekkjata l-vettura fejn l-ufficjali tal-Awtorita` sabu li t-*tyre* ta' wara ma kienx tajjeb

ghat-triq. Jistqarr li l-ufficjal tal-Awtorita` beda jaghmillu xi mistoqsijiet u infurmah li ma kienx se jghaddhielu ghal-licenzja u hu bil-fixkla qallu li min ghamillu l-VRT kien qallu biex jibdlu imma ma kellux cans, pero` fil-verita` l-affarijiet ma grawx hekk. Jghid li hu qal dak li qal ghax kien fuq ix-xoghol u ried jitlaq minn hemm.

Ix-xhud ikompli jghid illi pero` t-*tyre* li kien fuq il-vettura meta sar il-VRT suppost li kien l-istess *tyre* meta tela' ghall-ispezzjoni pero` jghid li forsi jista' jkun li ha xi *puncture* u bidlu f'dik il-gimgha. Jghid li meta gew il-persuni li kienu ghamlulu l-VRT hu semaghhom jghidu li t-*tyre* kien tajjeb u li ma fih xejn.

**George Farrugia**, *technical officer* mal-Awtorita` intimata, stqarr illi kienet saret *post VRT* inspection fuq il-vettura in kwistjoni u rrizultalu li t-*tyre* ta' wara kien nofsu kompletament lixx, liema spezzjoni saret fil-presenza ta' sid il-vettura. Jghid li l-istess sid kien qalilhom li kien tela' ghall-VRT bl-istess *tyre* u li fl-ebda hin is-sid ma kien qallu li dak kien l-*spare tyre*.

**Clayton Zerafa,** *technical officer* mal-Awtorita` intimata, stqarr illi huwa kien iccekkja il-vettura in kwistjoni u nnota li kellha *tyre* lixx. Jistqarr illi f'dan il-kaz ma kellhomx bzonn juzaw *tread gauge* biex ikejjlu t-*tyre* peress li kien lixx.

**Lino Abela,** *technical manager* mal-Awtorita` intimata, stqarr illi sid il-vettura kien qallu li meta kien mar ghall-VRT kien gie moghti Pass pero` kienu qalulu biex imur jibdel it-*tyre*. Jghid li sussegwentement kien bghat ghall-ahwa Cutajar u fil-presenza taghhom, sid il-vettura, kien bidel il-verzjoni u qal li kien gideb u li kien biddel it-*tyre* wara l-VRT. Jghid li f'dan il-kaz partikolari l-VRT kien sar fit-3 ta' Lulju 2010 mentri l-*post VRT* sar fl-14 ta' Lulju 2010. Jghid li wara li l-kaz gie riferut lilu wara xi siegha u nofs marru Bernard u Mark Cutajar fil-presenza ta' sid il-vettura. Jghid li l-ahwa Cutajar qalulu li t-*tyre* kien tajjeb meta l-vettura ittiehdet ghall-VRT. Jghid li meta gew l-ahwa Cutajar il-vettura ma kinitx hemm ghax is-sid kien lahaq telaq, u mbaghad rega' mar fuq il-post sussegwentement.

Illi t-Tribunal jibda biex josserva illi l-VRT in kwisjtoni sar fil-garage tar-rikorrent, Dino's VRT Station, **fit-3 ta' Lulju 2010** fejn, skond ix-xhieda prodotti, il-vettura tal-ghamla Kia Pride bin-numru ta' registrazzjoni GBC 861 ghaddiet mill-istess test. Jirrizulta wkoll illi t-test gie kondott minn hu r-rikorrent, cioe` Mark Cutajar. Dan it-Tribunal ma jistghax ma jikkummentax dwar il-fatti li la r-rikorrent u wisq anqas l-Awtorita` intimata ma pproducew kopja tad-dokument li juri li effettivament l-ezitu tal-istess VRT kien wiehed pozittiv. Madankollu jidher li ma hemmx kontestazzjoni li effettivament il-VRT originali li sar fit-3 ta' Lulju 2010 kien wiehed b'rizultat pozittiv.

Illi t-Tribunal ma jistghax ukoll ma jaghmilx osservazzjoni fuq il-fatt li l-*post VRT inspection* saret **fl-14 ta' Lulju 2010** u cioe` tnax-il gurnata wara li sar it-test originali. Dan it-Tribunal ma jistghax ma jurix it-thassib tieghu fuq dan il-fatt u josserva illi jkun wisq iktar utili u ghaqli li tali spezzjonijiet *post-VRT* isiru preferibilment dakinhar stess fil-forma ta' *surprise inspections*. U dan ghaliex fil-perjodu bejn meta jsir it-test originali u l-*post-VRT* jista' jkun hemm diversi fatturi li jincidu fuq ir-rizultati tat-test li jkun sar originarjament, dan iktar u iktar meta jghaddi ftit taz-zmien mhux hazin.

Illi wara dawn l-osservazzjonijiet, it-Tribunal se jghaddi issa biex jiddeciedi l–mertu.

Illi jirrizulta li l-irregolarita` riskontrata mill-Awtorita` intimata kienet illi r-rikorrent, *qua* operatur, kiser il-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' operatur precizament ghaliex il-vettura kellha "*rear left worn out tyre*" u imponiet hamsin (50) punt ta' penali in linea mar-**Regolament 21 tat-Tnax-il Skeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15**. Illi fiz-zmien meta sar il-VRT in kwistjoni, u kwindi meta saret l-inspection in kwistjoni da parti tat-teknici tal-Awtorita` intimata, kien vigenti l-Avviz Legali 43 tal-2008 li kien jaqsam l-imsemmija Tnax-il Skeda f'zewg partijiet distinti minn xulxin[6] u cioe "Sistema ta' Punti ta' Penalita` uzata biex ikun determinat in-numru ta' punti ta' penalita' li ghandhom jinghataw ghall-ksur tal-kundizzjonijiet tal-

[6] A differenza tal-ligi kif inhi llum

kuntratt **ta' operatur"**[7] u mbaghad kien hemm parti ohra intitolata "Sistema ta' Punti ta' Penalita' uzata biex ikun determinat in-numru ta' punti ta' penalita` li ghandhom jinghataw ghall-hsur tal-kundizzjonijiet **ta' persuna li jkollha licenza biex tittestja."**[8] Di piu` Regolament 21 (2) tal-Ligi Sussidjarja 65.15 kif applikabbli fiz-zmien in ezami kien jghid li "*Meta operatur jonqos milli jhares il-kundizzjonijiet stabbiliti ghall-operaturi taht dawn ir-regolamenti u meta persuna li jkollha licenza biex tittestja tonqos milli thares il-kundizzjonijiet li jinsabu f'dawn ir-regolamenti ghall-persuni li jkollhom licenza biex jittestjaw,* ***l-ufficjal awtorizzat ghandu jaghti lill-operatur jew lill-persuna li jkollha licenza biex tittestja, skond ma jkun il-kaz,*** *avviz bil-miktub li jkun jispecifika l-ksur tal-kundizzjonijiet, in-numru adatt ta' punti ta' penalita` li jkunu se jitnaqqsu lill-operatur jew lill-persuna li jkollha licenza biex tittestja,* ***u l-multa amministrattiva li tkun se tigi imposta fir-rigward ta' vjolazzjonijiet imwettqa mill-operatur."***[9]

Illi jirrizulta illi l-Awtorita` intimata ghamlet dak li kien proceduralment rikjest minnha, ghalkemm hemm nuqqas zghir fis-sens illi r-Regolament citat ma jirrelatax ma "xi haga hazina fit-*tyre*s" imma ma "xi haga hazina fid-duhhan minn makni bi spark ignition". Madankollu dan il-*lapsus* ma ppregudikax lir-rikorrent fl-ammont ta' punti jew fl-ammont ta' penali amministrattiva mitluba siccome z-zewg Regolamenti jgorru maghhom l-istess numru ta' penali. Di piu`, it-Tribunal jirrileva illi r-rikorrent kien mill-ewwel infurmat minn Lino Abela dwar x'kien in-nuqqs riskontrat u ghalhekk kien mill-ewwel impoggi f'posizzjoni li jiddefendi lilu nnifsu.

Illi l-kwistjoni kollha mertu ta' dan ir-rikors ghalhekk iddur madwar il-kredibilita` tax-xhieda. Min-naha l-wahda is-sid tal-vettura *a tempo vergine* meta sar il-*post VRT* qal li t-*tyre* kien l-istess wiehed pero` min ghamillu t-test kien qallu biex jibdlu. Min-naha l-ohra *it-tester* qiegħed jghid li meta l-vettura in kwistjoni marret ghall-*VRT* din kellu t-*tyre*s

---
[7] Enfasi tat-Tribunal
[8] Enfasi tat-Tribunal
[9] Enfasi tat-Tribunal

kollha tajbin, fatt li wara s-sid ikkonfermah u qal li l-istess *tyre* jista' jkun li nbidel wara l-VRT.

Illi dan it-Tribunal m'hu xejn konvint mid-deposizzjoni ta' Joseph Pace, sid il-vettura in kwistjoni. Waqt ix-xhieda tieghu quddiem dan it-Tribunal, fl-istess nifs jichad li t-*tester* kien qallu biex imur jibdlu u domanda wara jghid li t-*tyre* suppost kien l-istess wiehed, pero` jghid li jista' jkun li forsi ha xi *puncture* u bidlu fl-istess gimgha. Illi t-Tribunal iqis inverosimili li persuna ma tiftakarx jekk kellhiex *puncture* jew le xi jiem biss qabel. Illi t-Tribunal ikompli jsahhah il-fehma tieghu illi l-affarijiet graw mod iehor minn kif qieghed jallega r-rikorrent mill-fatt illi l-istess *tester*, u cioe` Mark Cutajar, wara li ra l-istess *tyre* fil-*post VRT* jghid li l-istess *tyre* **ma kienx jghaddi mill-VRT pero` lanqas seta' jghid li kien fi stat hazin!**[10] Illi minn dak li jista' jara t-Tribunal mir-ritratti esebiti bhala Dok GF1 a fol. 58, it-*tyre* in kwistjoni **huwa fi stat hazin stante li f'partijiet minnu huwa kompletament lixx.**

Illi ghalhekk dan it-Tribunal huwa tal-umli opinjoni illi l-verzjoni korretta hija dik li sid il-vettura ta *a tempo vergine* lill-ufficjali tal-Awtorita` intimata u mhux dik mibdula fil-presenza tal-ahwa Cutajar. Illi t-Tribunal jemmen li dak li gara hu li meta Joseph Pace mar biex jaghmel il-VRT it-*tyre* in kwistjoni kien l-istess wiehed u stante li ma kienx jghaddi mill-VRT, Mark Cutajar gibidlu l-attenzjoni ghalih biex ibiddlu pero` xorta ghaddih mit-test. Dan huwa abbuz u wkoll ta' perikolu kemm ghas-sid u kemm ghal terzi u tali irregolaritajiet ghandhom jigu gustament censurati. Illi filwaqt li huwa minnu li lahqu ghaddew tnax-il gurnata mill-VRT sal-*post VRT*, fil-kaz in kwistjoni kieku t-*tyre* kien verament tajjeb ma kienx se jispicca lixx fi ftit jiem kif effettivament kien it-*tyre* in kwisjtoni.

Ghaldaqstant, it-Tribunal ma' jsib xejn x'jiccensura mid-decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 22 ta' Lulju 2010 u ghaldaqstant qieghed jikkonfermaha.

---

[10] Ara deposizzjoni ta' Mark Cutajar a fol. 21

**DECIDE**

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-appell imressaq mir-rikorrenti u jikkonferma d-decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 22 ta' Lulju 2010.

Bl-ispejjez kollha ta' din il-procedura kontra r-rikorrent

______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**